MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 1/2009

**Paul Demicoli.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Demicoli datat 18 ta' Marzu 2009 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-appell fl-ismijiet u bin-numru premessi tas-6 ta' Marzu 2009 u li cahdet l-appell tal-appellant.

2. Illi l-appellant kien applika "*to regularize works carried out to existing yard. Works include: Straightening of walls, demolition of dangerous roof of garage and*

*alterations, (shifting of garage), removal of soil over reservoirs, increase of size of reservoir, demolition of dangerous roof of reservoirs, construction of receded wall and gate (lay by)"* f'sit go Triq l-iMdina, Zebbug (Malta).

3. L-applikazzjoni tal-appellant kienet giet rifjutat b' decizjoni tal-24 ta' Settembru 2003 u talba ghar-rikonsiderazzjoni kienet ukoll giet rifjutata b'decizjoni tat-3 ta' Ottubru 2006.

4. Illi fl-appell tieghu lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar l-appellant qal is-segwenti:-

*"With reference to the above-mentioned filed and the refusal received on the 14th October 2006, I would like to appeal the decision for the following reasons.*

*The 4 reasons for refusal are based on the fact that the site is located ODZ. It is of utmost importance to note the following permits were approved on the site in question:*

- *PAPB 545/33/74 – to erect (a) boundary wall as per plan submitted provided its height does not exceed 12 courses and all external walls are erected in franka stone, (b) to reinstate existing rooms as per plan submitted provided all external walls are erected in franka stone.*

- *PAPB 1503/33/74 - To erect (a) boundary wall as per plan provided its height does not exceed 12 courses and all external walls are erected in franka stone, and provided that near the entrance gateway a splayed lay by 6 feet deep for a distance of 20 feet on either side of the gate is left for parking purposes, (b) to reinstate only existing rooms as per plan submitted provided all external walls are erected in franka stone.*

- *PAPB 2121/80/33/74 - Approved (copy attached) To erect rooms provided that all external walls are erected in franka stone. This is a covering permit for works already carried out.*

*The following application was applied for but refused:*

• *PAPB 2047/80 - An application to demolish an existing factory and construct light industry garages.*

*It is also to be noted that the Water & Electricity Bills show that the premises is of commercial nature. From research carried out at the MDC, my client has obtained a declaration by perit Maurice Galea that the premises in question was used for industrial purposes. Adjacent to the site in question PA6614/00 was approved by MEPA on 12th February 2003 for the removal of a ready mix plant and construction of warehousing. This application is located opposite my clients' application and is a committed commercial / industrial site. To conclude the site is a committed industrial site (with permits on site) and is located adjacent to other committed industrial/commercial sites and is not a virgin site located ODZ."*

5. Illi b' decizjoni taghha tas-6 ta' Marzu 2009 il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar iddecieda dan l-appell billi cahdu.

6. Illi l-appellant hass ruhu aggravat bid-decizjoni premessa u qieghed ghaldaqstant jinterponi umli appell minnha.

7. Illi l-aggravji tieghu huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

8. Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghamel interpretazzjoni zbaljata u konsegwenti applikazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-kaz;

9. Illi l-Bord tal-Appell interpreta u applika hazin ir-regoli tal-*commitment* u konsegwentament applikahom hazin ghall-kaz in ezami kemm f'dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi naxxenti mill-izvilupp ezistenti fuq is-sit u dak adjacent.

10. Illi din l-Onorabbli Qorti gie kellha okkazjoni tissofferma ruhha fuq il-kwistjoni ta' *commitment on site*.

*Commitment* jista’ jirrizulta kemm ghaliex fuq is-sit in kwistjoni gia hemm zvilupp (legali) li kwindi jintitola lis-sid jibqa’ jgawdi minn dak l-izvilupp anke jekk il-*policies* taz-zona jinbidlu kif ukoll ghaliex fiz-zona jista’ jkun hemm zviluppi ohra tal-istess tip.

11. F'sentenza ricenti din l-Onorabbli Qorti spjegat li *"Applikazzjonijiet simili jirrikjedu trattament identiku. Id-decizjonijiet f’dan ir-rigward, u l-konsiderazzjonijiet li jwasslu ghal dawn id-decizjonijiet necessarjament jinhtieg li jkunu konsistenti. L-inkonsistenza ghandha bhala konsegwenza l-kontestazzjoni gustifikata, id-diskriminazzjoni, l-inegwaljanza, u mill-aspett soggettiv tal-applikant l-ingustizzja."* (**“Norman u Margaret konjugi Rossignaud vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”**. Appell Civili Numru. 17/2006 deciz fis-26 ta' Frar 2009.)

12. Filfatt huwa sottomess li l-applikazzjoni kienet twassal ghall-istess affarijiet approvati bil-permess numru 5824/96 (li izda, kif jinghad aktar 'il quddiem l-ewwel Onorabbli Bord konfonda ma’ permess sussegwenti).

13. Illi fl-interpretazzjoni tal-*commitment on site* l-ewwel Onorabbli Bord naqas li jinterpeta skont il-ligi l-fatti rilevanti. Il-Bord ma kellu xejn quddiemu x'jindika li kien qieghed isir xi uzu illegali mill-fond imsemmi. Fil-fehma tal-appellant il-fatt li kienu jezistu permessi fuq il-fond in kwistjoni jistabbilixxi li kien hemm zvilupp ta' natura industrijali fuq is-sit. Minn hawn isegwi li l-appellant kien intitolat li jaghmel uzu mill-fond in konformita` mal-izvilupp fiziku li kien hemm fuq is-sit. Kien *semmai* jinkombi fuq l-Awtorita` il-prova li kien qieghed isir xi uzu illegali mis-sit. Fid-decizjoni appellata l-Bord irriduca l-provi migjuba mir-rikorrenti ghal ftit cirkostanzi minghajr ma nduna li l-assjem tal-provi kien juri li kien hemm zvilupp ta' natura industrijali.

14. Illi apparti dan kollu il-Bord kellu d-dmir li jidhol fil-fond fil-permessi ezistenti fuq is-sit billi dawn kienu juru effettivament li s-sit kienet gia *committed* bhala sit industrijali. Il-Bord qal "il-gustifikazzjoni li qieghda tingieb

ghall-izvilupp hi li hemm permessi qodma ghall-*boundary wall* u ghal xi kmamar." Fir-realta` l-gustifikazzjoni hi li s-sit huwa diga` zviluppat skont permessi validi bhala sit industrijali u li l-applikazzjoni odjerna kienet intiza biss sabiex tissanzjona xi tibdiliet li saru fl-istruttura ezistenti li izda hallew l-izvilupp essenzjalment bhala wiehed industrijali. Il-kumment tal-perit tal-appellant illi din ma kenitx xi ghalqa vergni izda kien hemm gia` mibni kumpless industrijali kien f'dan ir-rigward important. Il-Bord kellu jidhol fil-fond fin-natura tal-permessi ezitenti u ma setax kmamar kienu gew approvati fil-permessi antiki.

15. Illi l-Bord tal-Appell interpreta hazin l-effetti tal-precedent kostitwit minn dak li hu sejjah "permess li gie approvat fil-vicin minn dan il-Bord". Fil-fatt kien hemm zewg permessi li nhargu u jidher li l-Bord kien bir-rispett kollu ftit konfuz mela ghamel riferenza ghalihom. Ir-riduzzjoni ta' uzu ma sarx, kif erronejament citat fil-permess numru 5824/96 izda fil-permess numru 6614/00. Filfall gie ezibit estratt mill-*website* lal-MEPA referibbli ghall-permess numru 5824/96 fejn inhareg permess "*To erect warehouses in existing Ready Mix Plant Yard*." Kien sussegwentement fil-permess numru 6614/00 li l-applikant irriduca il-*commtlment* minn "*ready mix plant*" ghal "*warehouses*."

16. Fil-kaz in ezami l-appellant xtaq efettivament jissanzjona il-bini ta' *warehouses*, ezattament bhalma gara fil-precedent citat. Fid-*DPA report* originali l-ufficjali tal-MEPA qal li "*the use of the proposed structures, though not stated, is assumed to be similar to a semi industrial activity such as warehousing/servicing industry, which does not fall within the categories of development listed within paragraph 7.6. of the Structure Plan*." (ara paragrafu 4.0. *discussion*)

17. Id-decizjoni tal-Bord li l-permessi citati ma jikostitwux precedent ghal dan il-kaz "minhabba li jirrigwarda zvilupp ta' anqas impatt flok uzu stabbilit ta' *ready mix plant* li jitqies bhala *obnoxious*" ma huwiex korrett ghaliex (i) fil-permess numru 5824/96 ma kien qed isir ebda tnaqqis ta' uzu izda semplicement kienu qeghdin

jinbnew imhazen go strutturi ezistenti u (ii) ghaliex fi kwalsiasi kaz il-permess 5824/96 kien jippermetti l-bini ta' mhazen ezattament kif qieghed jitlob l-appellant.

18. Fi kwalsiasi kaz ma gie bl-ebda mod ippruvat dak li ppremetta l-Bord, cioe li "l-appell tirrigwarda intensifikazzjoni tal-uzu li l-legalita` tieghu ma gietx stabbilita" u dan fost l-ohrajn ghar-ragunijiet gia premessi fil-qosor f'dan ir-rikors.

19. Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi kollha permissibbli u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha mehtiega l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni fl-appellata premess u tirrimetti lura l-kaz ghall-konsiderazzjoni ulterjuri fuq l-iskorta tal-ligi u tad-direttivi emmessi minnha.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' April 2009 a fol 6 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Paul Demicoli vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 2 ta' Gunju 2009 a fol 10 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost mis-socjeta` appellanti huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15(2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' Izvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**; (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996) **Anthony Borg vs L-Awtorita' tal-Ippjanar**; (Qorti tal-Appell - Decizjoni tal-24 ta' April 1996)

**Francis Mugliett vs L-Awtorita' tal-Ippjanar**" (Qorti tal-Appell - Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar**; (Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 - Qorti tal-Appell) **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**; (Apepll numru 13/01 RCP deciz fit-28/10/2002) **Tonio Azzopardi vs Awtorita` tal-Ippjanar**; (Decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002)

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa daqstant null *stante* illi l-Bord huwa tenut illi jitratta u jiddeciedi fuq punti mqajma mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu, u fuq il-provi mressqa mill-istess appellant.

3. Illi l-appellant jissottometti illi l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar "naqas li jinterpreta skont il-Ligi l-fatti rilevanti". Illi dan l-aggravvju huwa ghaldaqstant car, hekk kif ammess mill-istess appellant, illi hawn *si tratta* ta' interpretazzjoni ta' fatti u tal-provi, jew nuqqas taghhom, imressqa quddiem il-Bord. Dan il-punt huwa marbut mal-fatt illi skont l-istess Bord, fl-ebda stadju ma tressqet prova illi s-*sit de quo* kien munit b'permessi kummercjali, meta fir-realta', ma ngiebet l-ebda prova sabiex fil-fatt turi dan. Mill-provi mressqa quddiem il-Bord kien hemm pjanti rigwardanti hitan divizjorji u xi binjiet minghajr ma kien hemm specifikat l-uzu, kit ukoll xi '*trade permits'*. Il-Bord hass illi l-ebda wahda minn dawn il-provi ma kienet tindika uzu kummercjali legali, u ghaldaqstant ma qiex illi kien hemm xi *'committment'* f'dan is-sens fuq is-*sit de quo*.

4. Illi l-istess jinghad dwar l-izvilupp indikat mill-appellant fuq sit fil-vicinanzi u cioe' PA 3824/96, li jitratta uzu differenti u gustifikabbli f'sit simili, filwaqt li dak propost fuq is-*sit de quo* kien zvilupp kompletament differenti minn dan. Ghaldaqstant huwa car u ovvju illi l-Bord tal-Appelli dahal u kkunsidra l-izvilupp allegatament simili ghal dak odjern u ma qisx illi kien hemm similarita` bejn iz-zewg applikazzjonijiet. Illi jigi umilment sottomess illi l-evalwazzjoni fattwali dwar is-similarita` *o meno* bejn dawn iz-zewg zviluppi, hija konstatazzjoni fattwali li tezorbita mill-gurizdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi bir-rispett kollu lanqas ma jaghmel sens l-argument imressaq mill-appellant fil-paragrafu 15 tal-appell tieghu *stante* li hawn *si tratta* ta' dettall illi ma jbiddel xejn materjali fil-valutazzjoni fattwali tal-istess Bord. Izda pero', a skans ta' kull ekwivoku jkun opportun illi l-processi tal-applikazzjonijiet indikati mill-appellant jigu allegati mal-process odjern sabiex jigi stabbilit car u tond illi l-Bord tal-Appelli fir-realta` qies il-fatti tas-siti fil-vicinanzi meta huwa wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fid-decizjoni mertu tal-appell odjerm

*In vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-6 ta' Marzu 2009 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbali tas-seduti muzmuma quddiem il-Qorti tat-3 ta’ Gunju 2009 u tas-7 ta’ Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Paul Demicoli. Dr. Ian Stafrace oppona ghat-talba tar-rikorrenti tal-5 ta’ Ottubru 2009 *stante* li tali prova kellha tingieb quddiem il-Bord li tratta l-mertu sottomess quddiem l-istess Bord. Il-Qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda u ordnat l-isfiliz tal-affidavit prezentat mar-rikors tal-5 ta’ Ottubru 2009. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta’ Frar 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellant kien applika "*to regularize works carried out to existing yard. Works include: Straightening of walls, demolition of dangerous roof of garage and alterations, (shifting of garage), removal of soil over reservoirs, increase of size of reservoir, demolition of dangerous roof*

*of reservoirs, construction of receded wall and gate (lay by)"* f'sit go Triq l-iMdina, Zebbug (Malta).

Illi din l-applikazzjoni kienet giet rifjutata ghaliex giet ikkunsidrata bhala zvilupp f'zona ikkunsidrata bhala Rural Conservation Area, u l-izvilupp propost ta' natura industrijali ma kienx permess fl-istess zona, li kienet barra miz-zona ta' zvilupp ezistenti u ma kinitx f'zona kommessa ghal tali tip ta' zvilupp.

Illi sar appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fuq il-bazi li s-sit innifsu kien gia *committed* ghal tali zvilupp u dan ghaliex fuqu kien hemm gja strutturi bil-permess simili ghall-izvilupp propost u wkoll peress li fl-istess zona kien hemm zviluppi simili (PA 5824/96; PA6614/00; 1339/06) ghal dak li kien applika ghalih l-appellant, b'mod li gie allegat li kien hemm *commitment* fl-istess area.

Illi b'sentenza tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li huwa ha in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-process ta' l-applikazzjoni, u il-fatt li l-izvilupp propost huwa dak indikat f'zona agrikola, li teskludi bini u uzu bhal dak propost u ikkonsidra li ghalkemm kien hemm xi permessi ghal xi strutturi fuq l-istess binja, u gie allegat li kien hemm uzu industrijali tal-istess, fl-istess hin ma gie prodott ebda permess jew licenzja ghal tali uzu industrijali, fil-waqt li l-permess moghti fil-vicin permess Numru 5824/96 ma kienx jammonta ghall-precedent f'dan il-kaz, peress li dan kien jirrigarda zvilupp minn *ready mix plant* ghall-zvilupp ta' inqas impatt ta' mhazen, u ghalhekk l-appell gie michud.

Illi issa sar l-appell odjern peress li l-appellanti qed isostni li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma ikkonsidrax kif titlob il-ligi s-sottomissjonijiet dwar *commitment* kemm tas-sit stess, li kellu strutturi li kienu uzati ghall-skopijiet industrijali, u dan skont provi mressqa quddiem il-Bord stess, kif ukoll ghaliex fl-istess zona kien hemm zviluppi simili u dan skont il-permessi citati 6614/00 u 5824/96, u dan apparti li kien il-permess 6614/00 li bidel l-uzu tal-fond

bil-mod kif indikat fl-istess decizjoni tal-Bord u mhux kif sostnut mill-Bord fil-permess numru 5824/96.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz jidher li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghamel apprezzament u kkonsidra s-sottomissjonijiet kollha tal-istess appellanti, fis-sens li l-ewwel indaga jekk is-sit in kwistjoni kienx kopert b'permess ghall-uzu tal-istess fond ghall-uzu industrijali, u in vista tal-fatt li ma gie esebit ebda permess jew licenzja li tipprova li kien hemm zvilupp industrijali fuq l-istess sit, l-istess Bord wasal ghall-konkluzjoni li ma giex ippruvat li kien l-istess sit li kien kommess ghall-zvilupp bhal dak illum pretiz mill-appellanti odjerni.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti thoss li din hija fil-fatt konsiderazzjoni ta' fatt u ma hemm ebda punt ta' dritt involut fl-istess sottomissjoni, izda biss konsiderazzjonijiet dwar evalwazzjoni ta' provi sottomessi quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li huma u jibqghu fil-kompetenza esklussiva tal-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Ma hemm l-beda dubju li l-apprezzament ta' provi u l-valutazzjoni jekk hemmx *commitment* o meno fuq l-istess sit, la darba kkonsidrat mill-Bord tal-Appell, fid-dawl tal-provi prodotti huma konsiderazzjonijiet ta' fatt li jesorbitaw mill-kompetenza ta' din il-Qorti. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghal-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 31 ta' Mejju 2006); **"Frans Cuschieri vs L-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003); **"Santino Cassar vs L-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003); u **"Salvu Sciberras vs L-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003) fejn gie kkonfermat li meta si tratta ta' interpretazzjoni ta' fatt ma hemmx lok ta' appell quddiem din il-Qorti abbazi ta' dak indikat fl-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356.** F'dan il-kuntest din il-Qorti qed taqbel ma' dak sottomess fl-ewwel u t-tielet paragrafu tar-risposta tal-Awtorita' appellata.

Illi dwar is-sottmossjoni li kien hemm *commitment* fl-istess area simili ghal dak ta' l-appellanti jirrizulta bla ebda dubju

li dan gie kkunsidrat ukoll mill-istess Bord tal-Appell, tant li saret riferenza ghall-istess permessi anke fl-istess sentenza u kkunsidrat li l-izvilupp permess f'dak il-kaz, indikat fl-appell odjern tal-appellanti kien jirrigwarda bdil ta' uzu tas-sit ghal wiehed li kien ser ikun ta' inqas impatt ghall-ambjent, izda f'dan il-kaz kien car li l-imsemmi sit kien kopert bil-permessi relattivi.

Illi hekk dak li kien sancit fil-permess PA 5824/96 gie mibdul ghal dak indikat fil-permess 6614/00, u allura l-posizzjoni f'dak il-kaz kienet u hija ben differenti minn dik tal-appellant odjern, fejn ma giex ippruvat skont l-ezercizzju li ghamel l-istess Bord, li huwa kellu permess skont il-ligi ghall-uzu industrijali minnu llum propost. Huwa veru li l-Bord fis-sentenza tieghu kkwota l-permess PA 5824/96 minflok dak tal-permess 6614/00, pero' dan ma jbiddel xejn mis-sostanza tad-decizjoni tal-istess Bord, li kkunsidrat li fid-dawl tal-fatti kollha quddiemha, ma jistax jinghad li b'hekk kien hemm *commitment* fl-istess zona ghall-bini industrijali, u dan kollu fl-opinjoni tal-Qorti, huwa punt ta' fatt, li jesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Fil-fatt jidher li l-istess Bord ezamina l-permessi citati mill-appellant f'dan l-appell u abbazi tan-natura tal-permessi ta' zvilupp hawn citati, sab li ma kien hemm ebda *commitment* ghall-zvilupp industrijali f'dik iz-zona u dan l-apprezzament ta' tali fatti huwa bbazat fuq konsiderazzjonijiet fuq punti ta' fatt, u cjoe` fuq analizi teknika taz-zona in kwistjoni, li hija materja li taqa` taht id-diskrezzjoni esklussiva tal-Bord ta' l-Appell (**"Max Zerafa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 12 ta' Jannar 2004; **Santino Gauci vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003 ). Ghalhekk ma hemmx dubju li fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-istess Bord tal-Appell qies il-fatti tas-siti fil-vicinanzi u allura ha konjizzjoni u tratta l-istess fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u b'hekk ha in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellanti quddiemu u ghalhekk din il-Qorti thoss li anke fuq dan il-punt ma hemmx lok ta' appell quddiem din il-Qorti u allura anke fuq din il-bazi l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' appellata datata 2 ta' Gunju 2009 in kwantu konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad l-appell interpost mill-appellant Paul Demicoli bir-rikors ta' l-appell tieghu tat-18 ta' Marzu 2009** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Paul Demicoli vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 6 ta' Marzu 2009.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellant Paul Demicoli.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------